

Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd.
Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija.

Il-Kampanja tal-2023-2025 dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa



Xogħol sigur u li
jippromwovi s-saħħa
fl-era diġitali

#EUhealthyworkplaces

www.healthy-workplaces.eu



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Postijiet tax-xogħol li jġibu
l-quddiem is-saħħa

Introduzzjoni

It-teknoloġiji diġitali jipprovdu servizzi u soluzzjonijiet essenzjali għas-setturi kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà. It-teknoloġiji diġitali mhux biss qed ibiddlu l-mod kif naħdmu, iżda wkoll fejn u meta naħdmu.

Ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali (IA) jappoġġaw u jissostitwixxu l-membri tal-persunal li joperaw f'ambjenti perikolużi. Il-big data tippermetti sistemi ta' monitoraġġ aktar effettivi. Ix-xogħol mill-bogħod joffri aktar awtonomija u flessibilità lill-impjegati.

Minkejja l-benefiċċji tagħha, l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali (OSH) għadu qed jitfaċċa u għadu relattivament mhux magħruf. Huwa importanti li jiġu esplorati l-isfidi u r-riskji potenzjali u li jiġi adattat il-qafas regolatorju li jippromwovi u jipproteġi s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema kif xieraq.

Jekk jittieħed approċċ iċċentrat fuq il-bniedem fit-fassil, fl-implimentazzjoni, fil-ġestjoni u fl-użu tat-teknoloġiji diġitali, dan jista' jgħin biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ħaddiema u l-produttività tan-negozju.

Dwar il-kampanja

L-oġġettivi huma li:

- jiżdied l-għarfien dwar l-użu sigur u produttiv tat-teknoloġiji diġitali fis-setturi kollha;
- titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi tal-OSH relatati mat-trasformazzjoni diġitali tax-xogħol;
- tingħata informazzjoni dwar ir-riskji u l-oportunitajiet emerġenti;
- jiġu promossi l-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni sigura tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol;
- jitħeġġu l-iskambju ta' informazzjoni u l-prattiki tajbin fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.



Il-kampanja tindirizza l-ħames oqsma ta' prijorit  li ġejjin:

- 1. xogħol fuq il-pjattaformi diġitali**
- 2. awtomatizzazzjoni tal-kompiti**
- 3. xogħol mill-bogħod u ibridu**
- 4. ġestjoni tal-ħaddiema permezz tal-IA**
- 5. sistemi diġitali intelliġenti.**

Min jista' jipparteċipa?

L-individwi jew l-organizzazzjonijiet interessati kollha, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, ta' kwalunkwe daqs u minn kwalunkwe settur, b'mod partikolari:

- l-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-OSH fis-settur pubbliku u f'dak privat;
- il-punti fokali u s-sħab soċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurt  u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u n-networks tagħhom;
- il-komitati settorjali dwar id-djalogu soċjali;
- dawk li jfasslu l-politika;
- il-Komunit  tar-riċerka tal-OSH u l-komunitajiet tekniċi tal-OSH;
- l-ispettorati tax-xogħol u l-assoċjazzjonijiet tagħhom;
- l-awtoritajiet ta' assigurazzjoni soċjali u ta' assigurazzjoni statutorja kontra l-inċidenti;
- gruppi ta' esperti interdixiplinari (etika, liġi, IT);
- l-istabbilimenti edukattivi u s-settur tal-edukazzjoni b'mod ġenerali;
- disinjaturi, programmaturi u fornituri tas-software, u disinjaturi industrijali (IA);
- il-komunit  ta' negożji ġodda;
- il-media.

Huwa essenzjali li tinbena l-fiduċja billi l-ħaddiema jiġu infurmati u kkonsultati u jiġu permessi jipparteċipaw fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u sistemi diġitali.

Kif tista' tinvolti ruġek?

- Tqajjem sensibilizzazzjoni billi tiċċirkola l-materjali tal-kampanja.
- Torganizza avvenimenti u attivitajiet, bħal sessjonijiet ta' ħidma, korsijiet ta' taħriġ u kompetizzjonijiet.
- Tippetromwovi għodod u riżorsi għall-ġestjoni tar-riskji tal-OSH relatati mad-diġitalizzazzjoni.
- Tikkondividi prattiki tajbin fost in-networks tiegħek.
- Tiptarteċipa fil-Premijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa;
- Tinvolti lilek innifsek fil-Ġimgħat Ewropej għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.
- Tinvolti lilek innifsek f'attivitajiet promozzjonali tal-media soċjali.
- Issir sieħeb uffiċjali tal-kampanja jew sieħeb tal-media.

Aktar informazzjoni u riżorsi

Żur www.healthy-workplaces.eu/ għal aktar informazzjoni u diversi riżorsi biex jgħinuk tippetromwovi u tappoġġa l-kampanja, pereżempju:

- il-gwida u s-sett ta' għodod tal-kampanja u materjal promozzjonali ieħor;
- rapporti, bulettini, skedi ta' informazzjoni u artikoli tal-OSHWiki;
- għodod, infografika, materjal awdjoviżiv u gwida ta' prattika tajba;
- sessjonijiet ta' informazzjoni online dwar kull qasam ta' prijorità.

Segwina fuq il-media soċjali (Facebook, Twitter u LinkedIn) u kkondividi l-posts tagħna.

#EUhealthyworkplaces



Dati ewlenin

It-tnedija tal-kampanja:
Ottubru 2023

**Il-Ġimgħat Ewropej għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-
Post tax-Xogħol:**
Ottubru 2023, 2024 u 2025

**Avveniment ta' Skambju tal-Premjijiet ta' Prattika
Tajba għal Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem
is-Saħħa:**
Rebbiegħa 2025

**Riżultati tal-Premjijiet ta' Prattika Tajba għal Postijiet
tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa:**
April 2025

**Is-Summit dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l
Quddiem is-Saħħa:**
Novembru 2025

L-**EU-OSHA** tikkontribwixxi biex l-Ewropa ssir żona tax-xogħol aktar sigura, aktar f'saħħitha u aktar produttiva. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tagħmel riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-sigurtà u s-saħħa, waqt li tinteraġixxi fuq in-networks ma' organizzazzjonijiet fl-Ewropa kollha biex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-EU-OSHA tieġu ħsieb ukoll il-Kampanji dwar il-Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa, appoġġati mill-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħab soċjali Ewropej, u kkoordinati fil-livell nazzjonali min-network ta' punti fokali tal-Aġenzija. Il-Kampanja Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa 2023–2025 **"Xogħol sigur u li jippromwovi s-saħħa fl-era diġitali"** għandha l-għan li tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi u r-riskji relatati mal-OSH assoċjati mat-teknoloġiji diġitali u l-ħtieġa li dawn jiġu ġestiti b'mod sigur u li jgħibu 'il quddiem is-saħħa li jippromwovi kultura ta' prevenzjoni tar-riskju.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

C/Santiago de Compostela 12
48003 Bilbao, SPANJA

Email: information@osha.europa.eu

www.healthy-workplaces.eu

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2023
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors ikun rikonoxxut.
Għar-riproduzzjoni jew l-użu ta' kwalunkwe ritratt li jaqa' taħt kwalunkwe dritt tal-awtur minbarra l-EU-OSHA, għandu jinkiseb permess direttament mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.
Ir-ritratti użati f'din il-pubblikazzjoni jiddeskrivu firxa ta' attivitajiet ta' xogħol. Mhux bilfors juru prattiki tajbin jew konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi.
Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.